**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 15 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Numru:- 603/2015JVC**

**Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex)**

**Vs**

**Miriam Ciliberti**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn l-attrici ppremetiet:-

Illi b'ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru 2015 Dottor Mary Debono Borg, Registratur Qrati u Tribunali Ghawdex interpellat lill-intimata biex thallas is-somma ta' €547.40c bilanc dovut bhala dritt tar-registru in konnessjoni mal-kawza 56/99PC fl-ismijiet "Francesca Sultana vs Joseph Sultana et" deciza mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex fil-26 ta' Marzu 2004 u s-sentenza fl-istess ismijiet moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-30 ta' Marzu 2005.

Illi l-intimata m'ghandha taghti xejn lir-Registratur Qrati u Tribunali Ghawdex u t-talba tar-Registratur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk b'dan ir-rikors qed topponi t-talba tal-istess Registratur Qrati u Tribunali Ghawdex.

Illi t-talba hija nfondata stante illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 2156(g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat bl-Att VIII tat-2007 biex b'hekk l-Artikolu 2149(e) gie mhassar ghalhekk f'ambidue il-kazi l-azzjoni minnek ittentata hija preskritta kemm ghax

ghaddew is-sentejn skont il-Ligi l-antika gia' la darba l-kaz gie deciz qabel 2007 kif ukoll ghax ghaddew izjed minn 5 snin mis-sentenza msemmija.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex) li espona:

Illi r-rikorrent Miriam Ciliberti m'ghandha l-ebda interess guridiku topponi ghat-talba tal-esponenti stante illi hija rebhet il-kawza numru 56/99PC fl-ismijiet "Francesca Sultana vs Joseph Sultana et" bl-ispejjez u dana anke fl-istadju tal-appell u ghaldaqstant, id-dritt tar-registru gie minnha rkuprat minghand il-konvenuti. Ghaldaqstant, jekk it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha, ir-rikorrenti tkun qed tibbenefika minn arrikkiment indebitu a skapitu tal-esponenti.

Konsegwentement, il-preskrizzjoni nvokata mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.

Ghaldaqstant, ir-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li fil-verbal tal-4 ta' Dicembru, 2015 l-partijiet ghalqu l-provi u qablu li r-rikors imur ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi bejn il-partijiet ma hemmx kontestazzjoni dwar is-sentenzi li nghataw u msemmija fir-rikors promotorju u lanqas dwar l-ammont ta' taxxa mitluba mir-Registratur intimat.

Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija jekk l-ammont dovut jistax jigi dikjarat li huwa preskritt jew le. Ir-rikorrenti ssostni li ghaddew kemm it-

termini ta' sentejn skont il-ligi qabel giet emendata u anki dak ta' hames snin skond il-ligi kif vigenti llum. Fil-fatt is-sentenza tal-Qorti tal-Appell inghatat nhat it-30 ta' Marzu, 2005. Ir-rikorrenti giet notifikata bl-ittra ufficcjali numru 603/2015 nhar l-14 ta' Settembru, 2015 u ghalhekk it-trapass taz-zmien difficilment jista' jigi kontestat;

Illi dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' nteress guridiku l-Qorti ma taqbilx mal-istess eccezzjoni stante li l-ittra ufficcjali kontestata giet notifika lir-rikorrenti u ghalhekk huwa ben ovvju li ghandha d-dritt tikkontesta l-istess u huwa rrilevanti jekk ir-rikorrenti ghandhiex id-dritt jew le li tigbor l-istess spejjez minghand terzi, ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2015 ir-Registratur intimat tella' lil Miriam Ciliberti tixhed u dan ai termini tal artikolu 2160 (1) li jaqra kif isegwi:

'(1) Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.'

Jirrizulta li fix-xhieda taghha Miriam Ciliberti baqghet dejjem issostni li hija ma ghandha taghti xejn ghar-raguni li l-ispejjez tal-kawza in kwistjoni inqatghet bl-ispejjez kontra l-konvenut u lilha l-konvenut qatt ma hallasha kif ukoll illi hi qatt ma hallset lir-Registratur dejjem ghar-raguni li l-ammont, skont hi, mhux dovut minnha imma mill-konvenut.

Illi rrizulta car lil din il-Qorti li r-rikorrenti hija ben konxja li l-ammont dovut lir-Registratur ghadu ma thallasx u fl-ebda hin ma stqarret li ma tiftakarx jew li dan ma ghandux jithallas izda unikament baqghet isostni li bhala l-attrici li rebhet il-kawza ma ghandhiex tkun hi li tintalab thallas;

Illi dak sostnut mir-rikorrenti huwa legalment zbaljat stante li r-Registratur ghandu kull dritt fil-ligi li jigbor id-drittijiet dovuti lilu minghand l-atturi u cioe' l-persuni li jkunu ntavolaw il-kawza u mhux minn min jigi ordnat li jhallas l-ispejjez mill-Qorti. Ovvjament dan salv u mpregudikat id-dritt tal-attrici li tigi rimborsata dawn l-ispejjez mill-konvenut.

Illi l-Qorti tqis li fic-cirkustanzi u in vista tax-xhieda tar-rikorrenti, ai termini tal-artikolu 2160, stante li l-attrici kkonfermat li l-ammont huwa dovut izda bbazat il-pretensjonijiet taghha li dan mhux dovut minnha izda minn terz unikament fuq il-fehema taghha jew pretensjoni legalment zbaljata li dawn huma dovuti lir-Registratur mill-konvenut u mhux minnha, la darba gie dikjarat li legalment l-pretensjoni taghha li l-ammont huwa dovut minn haddiehor u mhux minnha ma treggiex, r-rikorrenti ghandha tinftiehem li kkonfermat id-debitu u b'hekk ma tistax tigi applikata favur taghha l-preskrizzjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-Qorti tichad ir-rikors datat 24 Settembru 2015, salv id-dritt tar-rimbors tar-rikorrenti minghand it-terz li kontra tieghu inqatghet il-kawza bin-numru 56/1999 u tikkonferma l-validita tal-ittra ufficjali numru 603/15.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur